MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 73/2005

**Av Philip Manduca 339960(M) bhala mandatarju specjali tas-socjeta Puma AG Rudolf Dassler Sport**

**vs**

**Avukat Dr Stefano Filletti u il-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar nominati b'digriet tal-21 ta' Frar 2005 u b'digriet tal-14 ta' Marzu 2005 l-Avukat Dr Renzo Porsella Flores issostiwixxa lil Avukat Dr Stefano Filletti bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapresentaw lil Alathd Alolombe Alebe Alaab Alkwa Elkhoms**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine jpremetta:

Illi s-societa attrici hi proprjetarja tal-marka “PUMA” registrat f Malta bin-numru 13091 u tal-marka “Cat” registrat f’ Malta bin-numru 13092;

Illi dan l-ahhar l-konvenut ikkontravjena t-trademark in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-trademark ghar--rigward ta’ oggett li huwa identitci ma’ dawk li dwarhom it-trademark tas-societa attrici giet registrata u dan billi gab f Malta kwantita ta’ zraben bil-marki ta’ “Puma”;

Illi ghalhekk 1-konvenut ikkaguna danni lis-societa attrici;

Illi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda ta’ l-oggetti fil--pussess u/jew spaccjati u jew prodotti u jew importati f Malta mill-konvenut bil-marka proprieta tas-societa attrici u dan kif provdut fl-artikolu 15 ta’ l-Att dwar it-Trademarks;

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:

1. tiddikjara li l-konvenut ikkontravjena t-trademark jew trademarks proprieta tas-societa attrici u b’hekk ikkaguna danni lis-societa attrici;

2. tillikwida d-danni sofferti mis-societa attrici minhabba l-agir tal-konvenut;

3. tikkundanna lil konvenut ihallas lis-societa attrici dawk id-danni fuq msemmija;

4. tordna l-qerda tal-oggetti (zraben u track suits) spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f Malta mill-konvenut bit-trademark/s tas-societa attrici;

Bl-ispejjes presentati kontestwalment kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati fejn gie eccepit illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza u ghalhekk jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom aktar 'l quddiem;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kuraturi deputati debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-attur nomine minn fejn jirrizulta li l-istess attur nomine qed jirrinunzja t-tieni u t-tielet talbiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-14 ta' Ottubru 2005;

Ikkonsidrat:

Il-Qorti ser tastjeni milli tkompli tittratta t-tieni u t-tielet talbiet u dana in vista tad-dikjarazzjoni tal-attur nomine li mhux qed jinsisti dwar l-istess talbiet;

It-talbiet l-ohra jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet talba u dana in vista tad-dikjarazzjoni tal-attur nomine li qed jirrinunzja ghall-istess talbiet;

Tilqa t-talbiet l-ohra kollha u b'hekk tiddikjara li l-konvenut ikkontravjena t-trademark jew trademarks proprieta tas-societa attrici u konsegwentement tordna l-qerda tal-oggetti (zraben u track suits) spaccjati u/jew prodotti u/jew migjuba f'Malta mill-konvenut bit-trademark/s tas-societa attrici u dana a spejjez provisorjament tal-attur nomine;

Spejjes kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------